MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1372/2003

Kawza fil-lista: 29

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarja specjali f' isem u ghan-nom tas-socjeta' estera ARGEN Limited u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Mejju 2005 ordnat il-korrezzjoni tas-socjeta' ARGEN Limited sabiex jigi sostitwit bl-isem 'Argen-Capcon Limited' u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2005 gie awtorizzat l-korrezzjoni l-isem tas-socjeta' ghal 'CAPCON-ARGEN Limited'**
**Vs**
**Dottor Patrick Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici nomine ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici *nomine* s-somma komplessiva ta’ wiehed u disghin elf, tlett mija u sittin *pounds sterling* u sitta u sebghin *pence* inglizi (£91,360.76) ekwivalenti fi flus maltin ghal *circa* tlieta u hamsin elf lira maltija (Lm53,000), liema somma hija dovuta lill-attrici *nomine* ghal konsulenza u ricerka u servizzi ohra relatati rezi mill-attrici *nomine* lill-konvenut kif jidher mill-fatturi hawn annessi u markati Dokumenti ‘S1 sa S9’, liema somma l-konvenut ammetta li ghandu jaghti lill-attrici *nomine* (*vide* l-ittra ta’ l-konvenut datata 13 ta’ Lulju, 2001 f’dan is-sens hawn annessa u markata bhala Dokument S10);

U peress li ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attrici *nomine* b’ittra ufficjali (Dokument ‘S11’) datata 27 ta’ Novembru 2003 debitament notifikata lill-konvenut, sabiex ihallas l-ammont dovut, il-konvenut xorta baqa’ inadempjenti;

U peress li fil-fehma ta’ l-attrici *nomine* dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet xi jgib ghat-talba ta’ hlas ta’ l-attrici *nomine*;

U peress li, ghalhekk dan jaghti d-dritt lill-attrici *nomine* tipprocedi kontra l-konvenut bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif fil-fatt qeghda taghmel;
Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, il-konvenut ihallas lill-attrici *nomine* s-somma ekwivalenti fid-data tas-sentenza fi flus maltin ghal wiehed u disghin elf, tlett mija u sittin *pounds sterling* u sitta u sebghin *pence* inglizi (£91,360.76).

Bl-ispejjez inkluzi dawn ta’ l-imsemmija ittra ufficjali u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi (skond

ir-rendikont hawn anness Dok S12) sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni baqa' kontumaci;[1]
Rat id-decizjoni moghtija fis-27 ta' April 2005 li permezz taghha din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut biex jigi awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet wara li juggustifika l-kontumacja tieghu;[2]
Rat id-digriet moghti fl-4 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, cahdet it-talba tal-konvenut ghal permess li jappella f' dan l-istadju mill-imsemmija decizjoni;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni attrici tikkonsisti fil-kundanna gudizzjarja tal-konvenut ghall-hlas lis-socjeta' estera Argen-Capcon Limited tas-somma ekwivlenti fi flus maltin ghal £91,360.76, rapprezentanti drittijiet ghal servizz professjonali rez minn din ta' l-ahhar lill-konvenut kif jirrizulta mill-istatements esebiti u markati S1 sa S9.[3] u kif dettaljatament spjegat minn Jonathan Brenig Edwards, direttur manigerjali tas-socjeta' attrici, fl-affidavit tieghu.[4]

Illi fid-dokument S10, li hija ittra datata 13 ta' Lulju 2001 mibghuta mill-konvenut lill-imsemmi Edwards, il-konvenut kiteb "I confirm that a balance of Stg.91,360.76, together with interest of Stg5,980.28 was owing by me to Argen Limited at 31 March 2001. I confirm that I will clear the outstanding balance in full by 30 June 2001" Ghalhekk minn dan id-dokument jirrizulta li fit-13 ta' Lulju 2001 il-konvenut ammetta li sal-31 ta' Marzu 2001 kellu jaghti bilanc fl-ammont fuq indikat, flimkien mal-imghaxijiet relattivi wkoll indikati minnu, u ipprometta li sat-30 ta' Gunju 2001 jhallas "the outstanding balance in full."
Illi fl-affidavit tieghu l-imsemmi Jonathan Brenig Edwards jispjega li s-somma pretiza mis-socjeta' attrici hija dovuta

[1] Fol.29 tergo.
[2] Fol.67
[3] Fols. 4 - 21
[4] Fols.71 - 72

ghal servizz moghti minnha fuq inikarigi specifici tal-konvenut.  Huwa spjega li, ghalkemm inizjalment il-konvenut kien ihallas fil-pront, sussegwentment waqaf jhallas u baqa' dovut bilanc ta' Stg.91,360.76 flimkien mal-imghax relattiv.  Edwards spjega li, ghalkemm il-konvenut kien ammetta mieghu li ghandu jaghti dan l-ammont, u ghalkemm il-konvenut kien ippromettielu li kien ser jissodisfa d-debitu tieghu, dana baqa' inadempjenti.  Qal ukoll "As Dr.Spiteri has acknowledged liability for all monies owing, but aware of his financial difficulties, we have tried to be as patient as possible."[5]  Madankollu l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li mill-provi migjuba t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi, fil-kontumacja tal-konvenut, billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nomine s-somma ekwivalenti fid-data ta' din is-sentenza fi flus maltin ghal wiehed u disghin elf, tlett mija u sittin liri sterlini u sitta u sebghin pence [Stg.91,360.76] bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez a kariku ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Fol.72